# LAQGHA LILL BAMBIN.

SANTA MARIA kien rahal taht il-muntanji bil-faccata tieghu tati ghall-bahar. Il-karatteristika tieghu kien il-kwiet fil-jiem tax-xitwa; imma mhux daqshekk jibqa' jgawdi s-skiet fil-jiem tas-sajf meta hafna turisti mill-belt kien jinzlu jqghattu xi jiem tal-mistrieh mal-familji li kienu jospitawhom f'kamra fi djarhom.

Fil-pjazza tar-rahal, l-unika wahda, kien hemm il-knisja tal-Karmelitani u monument marjan quddiemha. Jinghad li dan sar biex ir-rahhala jzommu kelmithom talli l-Madonna helsithom minn disgrazzja kbira. Madwar hamsin ruh hargu jistadu f'temp bnazzi mill-aqwa, imma f'kemm ili nghidlek qamet maltempata hekk kbira li kien driegh Omm Alla li salvathom. U b'radd il-hajr waqqfu monument bi statwa tal-Madonna tal-Bahar. Kienet turi lil Marija wieqfa fuq il-mewg tal-bahar, izzomm dghajsa f'id wahda u xbieh fl-ohra. Ta' kull sena l-ewwel Hadd ta' Awissu kienu jiddedikawh ghaliha u jaghmlu festa mill-aqwa.

L-erbat ihbieb kienu qed jixorbu ghand ir-RIZZI, hanut ta' Guzeppi, jekk stajt issejjahlu hanut ghax kull ma kien,  kamra imdaqqsa imhaffra fil-blat. Madanakollu r-RIZZI dejjem kien ikun mimli bin-nies,l-aktar fiz-zmien tas-sajf, minkejja li matul ix-xatt hafna bejjiegha minn barra SANTA MARIA kienu jigu biex jarmaw il-bankarelli taghhom. Id-diskors taghhom waqa' fuq it-temp sabih li kien

qed jaghmel f'Dicembru....kienu qeghdin f'nofs ix-xahar u temp kienqisu ghadu sajfi, ghalkemm filghaxija kien jaqa' il-ksieh.

"Qatt ma niftakar temp hekk sabih f'Dicembru," qal Toninu.

"Imma ma tantx ghad fadallek biex tgawdih," widdbu Tumas, ragel li ghex hajtu fuq il-bahar. " Bhalissa r-rih huwa tramuntana u dan igib temp mill-isbah fuq SANTA MARIA. Imma stenna jumejn ohra meta r-rih jaqleb Lbic u tara kif jimbidel. Jibda' jonfoh minn fuq l-bahar ghal dol-muntanji u t-temp sabih malajr jimbidel f'maltemp qalil, rih qawwi u xita. U inti, Govann, ahjar ittella dik il-bicca tal-bahar qabel




johodhielek il-maltemp," spicca biex widdbu Tumas.

U kulhadd jghid tieghu, jixorbu u jteftfu xi haga u malajr sar filghaxija. Kulhadd telaq' lejn daru. U Tumas donnu kien profeta ghax jumejn biss wara l-laqgha tal-hbieb taghna ghand tar-RIZZI, inqalet maltempata li ma riedet tieqaf b'xejn.

It- temp mill-aktar kiesah, bis-silg u borra nizlin il-hin kollu kompla zied mad-dieqa u l-biza' fir-rahhala. Hekk baqa' sejjer it-temp sa zmien il-Milied kollu. U tant nizel silg u borra li n-nies sabu ruhhom maqfula gewwa minghajr ma setghu johorgu. Qatt ma ghaddilhom minn mohhom li ser jkunu izolati mill-bqija ta' l-irhula ta' madwar. Ghalkemm mill-ikel ma kienux nieqsa, ghax dejjem kienu jzommu kwantita' ta' ikel ghal waqt

ta' bzonn, imma r-rahhala ma riedux li jibqghu msakkra f'dawn il-jiem tant sbieh.

Ma setghux inizzluha li fil-lejl tal-Milied kien ser ikollhom joqghodu mjassra fi djarhom. Min kien ser jazzarda jimxi gol mghola zewg piedi silg.!!!!

Biex aktar jizdied il-gwaj ghar-rahala ta' Santa MARIA, sajjetta laqghtet arblu tad-dawl u halliet ir-rahal kollu fid-dlam lejlet il-Milied. Ebda tiswijiet ma setghu jsiru f'maltemp bhal dak. Weghduhom li jippruvaw jaghmlu xi haga fil-jum tal-Milied billi fehmu li kienet emergenza kbira ghar-rahal.

Kont tisthajjel li r-rahal ta' Santa MARIA kien cimiterju, dalma ma' kullimkien ghajr it-twieqi kollha jixghelu bil-fanal tal-Milied. Hadd ma kien jarma sigra tal-Milied tixghel wara t-tieqa. Dawk kienu jhalluhom ghall-gewwa biex tahthom iqieghdu r-rigali u presepju kbir. Wara t-twieqi kien jarnaw fanal kbir tal-Milied bix-xema' tixghel ghaz-zmien kollu tal-festi. Din kienet l-uzanza f'dak ir-rahal.

Kull membru tal-familja kien ikollu fanal, kbir jew zghir, skond kemm kien ikun kbir fl-eta'. Xi whud minnhom kienu tassew fanali artisitici ghax kienu jkunu mzejjna sa l-inqas dettal.

Bih kien jmorru ghall-quddiesa ta' nofs il-lejl ghax wara l-liturgija tal-Milied kulhadd kien jerhilha bil-purcissjoni tal-Bambin ghall-grotta naturali fit-tarf tar-rahal. Ir-rahhala kienu jghozzuh hafna dan il-ghar billi skond it-tradizzjoni jinghad li wiehed mill-ewlenin patrijiet ta' San Frangisk nizel Santa MARIA biex ixandar il-presepju. Fih kienu jpoggu l-Bambin imdawwar b'zewg xbihat ta' Guzeppi u MARIA. Wara ftit kant, kienu jirritornaw lura lejn djarhom u jqieghdu l-fanal tal-Milied mill-gdid wara t-tieqa sa ma jghaddi zmien il-festi.

Imma din is-sena dan ma seghax isir.

F’hin bla mistenni daqs kwarta ‘l boghod minn nofs il-lejl, Leone it-tenur tal-knisja tar-rahal fetah it-tieqa u hareg loudspeaker imqabbad ma’ batterija. Kien joffri s-servizzi tieghu ta’ kant fil-funzjonijiet religjuzi tal-knisja tar-rahal  u  tant kellu vucitu sabih u qawwija li kienu laqqmuh il-Pavarotti.

“Nies ta Santa MARIA, insellmilkom u nilqghakom biex naghtu merhba lit-tfajjel divin, mhux le fil-knisja, izda fostna, fid-dalma ta’ djarna, mixghula b’imhabbitna ghal-Gesu’ Bambin. Inghaqqdu lehinna ma’ dak ta’ l-angli u nkantawlu.”

Meta spicca dan il-kliem b’b’vuci soda intona l-innu ADESTE FIDELIS. Il-familji semghuh u hargu wara t-twieqi jsegwu f’qalbhom il-kant. U meta kanta l-innu ta’ wara GLORIA IN EXCELSIS DEO ftit ftit il-familji fethu wkoll it-twieqi taghhom u kantaw mieghu.

Triq wara triq, kollha fethu t-twieqi u kantaw ma’ Leone . Kemm kien kommoventi meta tisma’ r-rahal kollu jkanta O LEJL TA’ SKIET mit-twieqi taghhom.

Meta spicca Leone awgura l-festi t-tajba u kulhadd ghalaq it-tieqa biex kulhadd imur jorqod ferhan li bhas-soltu laqgha lil Bambin.